

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Lulju 2017 – Axel Springer vs EUIPO – Stiftung Warentest (TestBild)**

(Kawża T-359/16) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali TestBild — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti test — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebh tal-prodotti u tas-servizzi — Xebh tas-sinjali — Karattru distintiv intrinsiku — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]**

(2017/C 277/60)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Axel Springer SE (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: K. Hamacher u G. Müllejšans, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Stiftung Warentest (Berlin) (rappreżentanti: inizjalment R. Mann, J. Smid, T. Brach, H. Nieland u A.-K. Kornrumpf, sussegwentement J. Smid, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Mejju 2016 (Każ R 555/2015-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Stiftung Warentest u Axel Springer.

**Dispożittiv**

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-4 ta' Mejju 2016 (Każ R 555/2015-4) hija annullata, sa fejn hija kkonstatat l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni għal dak li jikkonċerna l-“materjal stampat, b'mod partikolari rivisti test, informazzjoni intiża għall-konsumaturi, prospectus, katalgi, kotba, ġurnali u perjodiċi; materjal istruttiv u għat-tagħlim (minbarra apparat)”, tal-klassi 16 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali tal-prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tat-trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Kull parti għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 296, 16.8.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 11 ta' Lulju 2017 – Dogg Label vs EUIPO – Chemoul (JAPRAG)**

(Kawża T-406/16) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedura ta’ nullità — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea JAPRAG — Trade mark figurattiva nazzjonali preċedenti JAPAN-RAG — Raġuni arelattiva għal rifjut — Xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]**

(2017/C 277/61)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Dogg Label (Marseille, Franza) (rappreżentant: M. Angelier, avukat)